MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2009

Avviz Numru. 363/2008

**Coleiro General Supplies Limited**

**Vs**

**Joseph Fabri**

## Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar is-sebgha w ghoxrin (27) t’Ottubru 2007, permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ tmint elef tlett mija u sebghin euro u sitt euro centesmi (€8,370.06) rapprezentanti l-prezz ta’ merkanzija konsistenti fi prodotti taz-zebgha u materjal iehor ancillari, mibjugha u konsenjata lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess skond kif jirrizulta mill-i*statements* annessi u esebiti u mmarkati bhala Dok. ‘A’ liema somma baqghet ma thallsitx minkejja diversi nterpellazzjonijiet lilu maghmula.

Bl-ispejjes inkluz dawk tal-Mandat ta' Qbid w interessi legali skond il-ligi sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat bir-rikors nhar id-dsatax (19) ta' Mejju 2009 fil-Gazetta tal-Gvern kif jirrizulta a fol. 17 tal-atti. Jirrizulta wkoll li l-konvenut gie notifikat permezz t'affissjoni fuq l-indirizz imsemmi fir-rikors, fl-ghassa tal-pulizija ta' San Gwann u Kunsill Lokali ta' San Gwann nhar it-tnax (12) ta' Mejju 2009 kif jirrizulta a fol. 18 tergo.

In oltre gie notifikat bl-avviz ippubblikat fil-gazetta lokali L-Orizzont datata hmistax (15) ta' Gunju 2009 esebita a fol. 22.

Illi fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Lulju 2009, l-konvenut imsejjah diversi drabi naqas li jidher il-Qorti sabiex jikkontesta t-talbiet attrici w is-socjeta attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tieghu.

Rat illi fis-seduta tad-disgha (9) ta' Lulju 2009 il-konvenut gie imsejjah tlett darbiet izda ma dehrx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi 'n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti rat illi t-talba attrici ma hiex kontestata w ghandha tigi milqugha.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tmint elef tlett mija u sebghin euro u sitt euro centesmi (€8,370.06) prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut li baqghet ma thalsitx, bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra l-konvenut u bl-imghaxxijiet legali skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------